***- PEDESTRIAN; OBBLIGI TAL-ISTESS UTENT TAT-TRIQ -***

***- USE OF CARE AS A REASONABLY PRUDENT MAN WOULD USE IN THE CIRCUMSTANCES -***

***- QSIM TAT-TRIQ MINN WARA KAROZZA PPARKJATA -***

***- INKONSISTENZA FIX-XHIEDA-***

***- ONERU TA' PROVA -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 237/94/RCP**

**Joseph Micallef u Emmanuela sive Liliana Micallef**

**vs**

**Joseph Sammut u Doris Sammut**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-16 ta' Settembru 1993 meta l-konvenut kien qed isuq l-karozza tal-linja Y - 0473 f'Islet Promenade, Bugibba tajjar lil Joseph Micallef li kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' kennies u kien qed isuq il-karretta taz-zibel, f'liema incident Joseph Micallef soffra danni ta' natura personali.

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident stante imperizja, negligenza u nuqqas ta' hsieb u osservanza tar-regoli tat-traffiku.

Illi l-konvenut ghalkemm gie interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu sabiex din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fis-16 ta' Settembru 1993 f'Islets Promenade, Bugibba.

(2) Tillikwida d-danni kkawzati fl-incident imsemmi occorendo permezz ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti mill-lum ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn ecceppew illi:-

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku *de quo* sehh tort unikament tal-attur Joseph Micallef stess li ma hax il-prekawzjonijiet qabel ma beda jaqsam it-triq.

(2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda tal-konvenuti a fol. 9 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Gunju 1994, 16 ta' Novembru 1994, 17 ta' Marzu 1995, 21 ta' Gunju 1995, 1 ta' Dicembru 1995, 1 ta' Marzu 1996, 13 ta' Mejju 1996, 27 ta' Novembru 1996, 12 ta' Marzu 1997, 18 ta' April 1997, 27 ta' Gunju 1997, 5 ta' Novembru 1997, 19 ta' Jannar 1998, 30 ta' Marzu 1998, 19 ta' Gunju 1998 fejn l-kawza marret *sine die.*

Rat ir-rikors tal-atturi tat-2 ta' Settembru 1998 u d-Digriet tal-Qorti datat 3 ta' Settembru 1998 fejn il-kawza giet ri-appuntata ghas-17 ta' Frar 1999.

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Frar 1999, 18 ta' Ottubru 1999, 14 ta' Frar 2000, 3 ta' April 2000, 29 ta' Mejju 2000 quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Ottubru 2000 u 9 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet kancellata minn fuq il-lista.

Rat ir-rikors tal-atturi tat-13 ta' Novembru 2000 u d-Digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet ri-appuntata ghad-9 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-7 ta' Marzu 2001 ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2001, u tat-23 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras datat 18 ta' Jannar 1997 a fol. 50 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed ssir stante li l-attur qed isostni li waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' kennies bil-karretta tieghu f'Islets Promenade, Bugibba, huwa safa' milqut mill-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut, u qed jallega li dan l-incident gara minhabba negligenza, traskuragini u nuqqas da parte tal-konvenut, u ghalhekk qed jitlob lill-Qorti sabiex il-konvenut jigi ddikjarat responsabbi ghall-istess incident, u li jigu likwidati d-danni anke dawk kawzati minhabba dizabilita' permanenti li soffra l-attur, u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess danni lill-attur.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** sostna fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1995 li huwa kien ghaddej minn Islets Promenade, Bugibba bil-karretta; u waqaf biex jiekol gelat u kif lesta qabad il-karretta li kienet mal-genb tal-bankina u beda miexi fl-istess *coast road,* meta intlaqat mix-xarabank mid-direzzjoni opposta.

Illi fl-affidavit tieghu a fol. 26 tal-process sostna li huwa hareg minn Triq il-Halel, ressaq il-karretta mal-hajt u mar jixtri gelat biex jieklu; kif lesta qabad il-karretta u waqaf fil-kantuniera ta' bejn Triq il-Halel u Islet Promenade, li tigi il-kantuniera li taghti ghall-faccata tal-bahar, u fuq ix-xellug tmur ghall-San Pawl il-Bahar u lejn il-lemin ghall-Qawra. Illi fuq il-lemin tieghu kien hemm karozza pparkjata tul ta' aktar minn karozza. Huwa sostna li waqaf bil-karretta quddiemu, linja mal-karozza ipparkjata.

Illi dan ghamlu ghaliex ried jaqsam, hares lejn il-lemin u ra xarabank gejja misjuqa mill-konvenut, u ghalhekk baqa' jistenna sakemm tghaddi l-karozza tal-linja, izda dan minflok baqa' diehel fuqu. Illi bid-daqqa l-karretta spiccat xi 15.40 il-metru l-isfel fuq il-xellug tieghu, u halliet 8.20 *brake marks.* Sostna li dam seba' xhur sakemm dahal lura ghax-xoghol u sofra dizabilita' ta' 7% u peress li d-daqqa hadha fuq idejh kellu jbiddel ix-xoghol tieghu u beda jahdem f'latrina pubblika.

Illi **P.S. 696 Carmel Cauchi** sostna li huwa kien is-Surgent li investiga l-incident u esebixxa l-okkorenza u skizz relattivi, u esebixxa d-dokument "FGC 4" li l-konvenut gie mgieghel jiffirma mill-istess surgent stante li qallu li jekk ma jaccettax li jaghmel tajjeb ghall-hsara proprjeta' tal-gvern kien ser jigi mharrek sabiex jidher il-Qorti. Sostna li r-ritratt a fol. 13 tal-process ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident peress li dan juri triq f'San Pawl il-Bahar.

Illi skond l-istess okkorenza jinghad li Joseph Sammut stqarr li fejn Halel Strett iltaqa' ma Joseph Micallef li kien qed isuq karretta u laqtu incidentalment; mentri Joseph Micallef sostna li waqt li kien tiela' minn Bay Square ghall-Qawra, qala' l-barra mill-karozzi li kienu ipparkjati u ntlaqat minn Bus No. Y - 0473 li kien gej mid-direzzjoni opposta u wegga subajh u l-karretta garbet hsarat wara li spiccat mal-hajt.

Illi fl-affidavit tal-**konvenut** datat 23 ta’ Frar 2001 a fol. 71 tal-process l-konvenut xehed li fejn fl-iskizz hemm *parked cars* kien hemm trakk Bedford kbir tal-haxix bit-tinda u l-attur hareg sbrixx bil-karretta quddiemu u fil-fatt l-konvenut il-karretta laqat u mhux lill-attur, tant li l-karretta spiccat kif indikat fl-iskizz. Sostna li l-attur hareg minn quddiem it-trakk u mhux kien wieqaf kif sostna huwa. Qabel mal-*ispot of impact*, u sostna li huwa ikkonkluda li l-attur hareg minn triq laterali; halla *tyremark* u mhux *brakemark.*

(C) APPREZAMENT TAL-PROVI FIL-KUNTEST TAR-RESPONSABILITA’ TAL-INCIDENT.

Illi ma hemm l-ebda dubju li la l-attur qed jallega li l-incident *de quo* gara minhabba negligenza u traskuragini da parte tal-konvenut, huwa oneru tal-attur li jipprova dan, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan l-attur ma rnexxilux jaghmlu, anke peress li x-xhieda tieghu hija inkonsistenti mad-dikjarazzjonijiet tieghu stess, kemm in konnessjoni max-xhieda minnu moghtija, kif ukoll in konnessjoni mad-dikjarazzjoni li ghamel *a tempo vergine* wara l-incident kif jirrizulta mill-okkorenza ta’ incident stradali relattiv esebit a fol. 38 u 39 tal-process.

Illi fil-fatt fix-xhieda tieghu tas-17 ta’ Marzu 1995 huwa sostna li huwa kien ghaddej minn Islet Promenade li hija triq principali; wara ftit sostna li *“issa qieghed niftakar illi kien hemm karozza pparkjata. Issa qieghed niftakar ukoll illi kont qieghed niekol gelat u mbaghad wara li lestejt*

*niekol il-gelat ergajt qbadt il-karretta u bdejt miexi. Jiena qbadt il-karretta meta din kienet mal-genb tal-bankina".*

Illi minn dan il-bran certament li jirrizulta li lanqas l-attur innifsu ma kien cert f'dak li kien qed jghid stante li irranga l-versjoni tieghu appena kien ghadu kemm beda jixhed.

Illi fl-affadavit li ghamel l-istess attur cirka tlett xhur wara li xehed quddiem il-Qorti, ttenta jkun aktar konvincenti u din id-darba sostna li :-

*"Illi lejn il-lemin tieghi, kien hemm karozza pparkjata tul ta' aktar minn karozza. Jiena kont wieqaf bil-karretta quddiemi, lina mal-karozza ipparkjata. Jiena ridt naqsam, harist lejn il-lemin u rajt xarabank gejja … … … … Illi jiena bqajt nistenna sabiex tghaddi ix-xarabank, izda minflok ghadda baqa' diehel fiha".*

Illi mela minn din it-tieni versjoni jirrizulta li kontra ghal dak li xehed quddiem il-Qorti, huwa ma kienx qed jimxi, izda ried jaqsam it-triq, u waqqaf skond il-karretta dritt mal-karozza ipparkjata. F'din il-versjoni l-attur ghall-ewwel darba indika li kien ser jaqsam it-triq u mhux li kien miexi sempliciment fit-triq.

Illi apparti din l-inkonsistenza mill-ewwel xhieda tieghu ghal dik minnu proposta fl-istess affidavit jibqa' misteru kif la darba l-attur qed isostni li huwa waqaf dritt mal-linja ipparkjata, kif setgha jkun li ntlaqat mill-karozza tal-linja, la darba lanqas jidher li l-vettura ipparkjata ma ntlaqtitx. *Di*

*piu'* kieku kien f'linja mal-karozza ipparkjata u ghall-grazzja tal-argument wiehed jaccetta li l-karretta intlaqtet meta kienet f'din il-posizzjoni, dan kien ikun ifisser li l-karozza tal-linja gejja mid-direzzjoni tal-Qawra, kienet kisret fuq ix-xellug taghha anke bi ftit, mentri dan certament ma sehhx peress li jidher li l-karozza tal-linja gibdet ghal fuq il-lemin taghha.

Illi jekk min-naha l-ohra wiehed ihares lejn x'qal l-attur lis-Surgent ezatt wara l-incident jirrizulta s-segwenti:-

*"Joseph Micallef stqarr li waqt li kien tiela' minn Bay Square ghall-Qawra, qala' l-barra minn karozzi li kien hemm ipparkjati u ntlaqat minn Bus Y - 0473 li kien gej mid-direzzjoni opposta u wegga subajh …..".*

Illi minn dan il-bran jidher li l-attur ikkontradixxa dak li sostna quddiem din il-Qorti, ghaliex *a tempo vergine* ammetta li huwa qala' l-barra mill-karozzi pparkjati u mhux minnnu allura li kien linja mal-karozzi ipparkjati, kif lanqas huwa minnu li kien wieqaf jistenna li taghddi ix-xarabank.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn is-siltiet mix-xhieda tal-attur irrenduh talment inaffidabbli bhal xhud li kull pretiza korroborazzjoni jew versomiljanza abbazi tal-provi prodotti ma tistax tigi sostnuta, anke ghaliex hija haga inaudita li persuna li tixhed b'dawn l-inkonsistenzi kollha u b'dan il-mod legger tippretendi li l-versjoni taghha ghandha titwemmen. *"Fi kliem iehor, ma jistax ikun hemm korroborazzjoni meta x-xhieda tkun daqstant inattendibbli.*

*Dan huwa principju bazilari tad-dritt u anki sens komun”* **“ Katy Camilleri vs Kevin Zahra”** (P.A. (FGC) 10 ta’ Dicembru 1999).

Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa *“used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances”* **(Gibb para. 127) .**

Illi applikati ghall-kaz *de quo* u mill-provi prodotti jirrizulta u jidher li l-attur ma hax il-prekawzjonijiet necessarji qabel ma hareg minn wara l-vettura ipparkjata fuq il-lemin tieghu, u dan billi qabad u hareg minn wara l-istess vettura bla ma esplora it-triq sew bil-konsegwenza li huwa hasad lis-sewwieq tal-karozza tal-linja, li ghalkemm ipprova jevita l-incident kemm billi jibbrejka u kemm billi jikser ghal fuq il-lemin tieghu, huwa xorta ma rnexxilux jaghmel dan, u laqat il-karretta sporguta li kienet f’idejn l-istess attur.

Illi huwa ovvju li f’dawn ic-cirkostanzi l-attur naqas milli josserva dak li hemm indikat f’pararafu 20 tal-*Highway Code* li jipprovdi li wiehed ghandu jiehu *“extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles or by other obstructions”.*

Illi huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **“Rita Calleja vs Joseph Agius”** (P.A.JSP. 5 ta’ Ottubru 1995 - Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principji li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza"* (Vol.XXXIX - iv.1031).

Illi applikat dan ghall-fattispeci tal-kaz odjern jirrizulta li t-tezi tal-konvenut hija wahda cara u konvincenti minn liema versjoni jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq fil-*main road* indikata meta l-konvenut permezz tal-karretta tieghu hareg ghall-arrrida minn wara trakk tal-haxix li kien hemm ipparkjat fl-istess triq, b'mod li dan ikkreja emergenza subbitaneja ghall-istess konvenut, iggravata mill-fatt li kien qed isuq karozza tal-linja, u ghalhekk nonostante it-tentattivi tieghu sabiex jevita l-impatt mal-istess karretta kollox *in the agony of the collission*, xorta ma rnexxilux jevita is-sinistru.

Illi jidher ukoll li skond l-*ispot of impact* indikata fl-istess din il-versjoni hija wkoll korroborata mill-fatt li jidher li l-impatt sar appena l-istess karretta tal-attur fegget minn wara t-trakk tal-haxix ipparkjat, u ghalhekk ir-responsabilita' tal-attur tidher minn hekk iktar accentwata.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-incident stradali mertu tal-kawza odjerna sehh tort ta' negligenza, traskuragini u nuqqas ta' hsieb u osservanza tar-regolamenti tat-trafffiku da parte tal-attur innifsu, u ghalhekk l-ewwel talba attrici la ma gietx

ippruvata, u hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed tigi michuda, kif konsegwentement qed jigu michuda t-talbiet l-ohra kollha, stante li ma hemm l-ebda danni li huwa responsabbli ghalihom il-konvenut.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**